*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 70*

***5.30p.m 4 ta' Jannar 2024***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

## *Assenti b'Apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier

## *Assenti*

Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## *70.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji*

70.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba ċirkostanzi personali.

## *70.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

70.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 69. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

70.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar ġimgħat saret ħafna ħsara fuq il-latrini tal-Kunsill sew tal-Pont San Tumas kif ukoll dawn ta' Ġnien Spencer. Attwalment dawn il-latrini huma magħluqin u hemm spiża ta' ftit aktar min €3,000 sabiex il-latrina tal-Pont San Tumas tinfetaħ mill-ġdid. Dan ix-xogħol għandu jibda b'mod immedjat. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa li jekk ix-xogħolijiet ser idumu iktar min tlett ġimgħat ikun għaqli li l-Kunsill jagħmel mobile toilets.

## *70.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

70.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri reġa' fl-liema stadju wasal ix-xogħol ta' manutenzjoni fi Triq il-Marsa minħabba l-ħofor li hemm. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li x-xogħol ta' manutenzjoni huwa wieħed imminenti hekk kif il-kuntrattur diġa' ġie mitkellem fuq dak li hemm bżonn isir.

70.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab sabiex il-Kunsill Lokali tal-Marsa jinforma lid-Dipartiment tal-Kultura sabiex il-presepji li jkunu maħduma fuq stil lokali jkunu ġġudikati f'kategorija għalihom. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma din l-proposta.

## *70.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

70.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 11/2023 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il- Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *70.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

70.6.1 Ma kien hemm l-ebda korrispondenza waqt din is-seduta.

## *70.7 In-Nominazzjonijiet ta' Jum il-Marsa;*

70.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq fuq il-mejda tal-kamra l-profili u l-ismijiet tal-persuni li ġew innominati mill-għaqdiet lokali għat-titlu sabiħ ta' Ġieħ il-Marsa. Wara diskussjoni fost il-membri preżenti ġie miftiehem li l-persuni li ser ikun qed jieħdu dan it-titlu għax xogħol li għamlu għall-ġid tal-komunità Marsija huma dawn; is-Sur George Attard, is-Sur Gaetano Bezzina, s-Sur Lawrence Castillo, s-Sur Albert Pace Taliana, r-Rev. Alfred Scerri OFM Cap, is-Sur Louis Attard, il-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi, u s-Sur Dione Cefai. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ħareġ mid-diskussjoni għall-ħatra tar-Rev. Alfred Scerri OFM Cap minħabba li dan huwa membru tal-familja. Sadanittant, il-membri tal-Kunsill qablu li jingħata apprezzament lis-Sur Ernest Agius, is-Sur Raymond Ferriġġi, s-Sur Alfred Ferriġġi u s-Sur Pawlu Sciberras. Il-Kunsill qabel li dawn il-persuni kollha jingħataw ċertifikat u tifkira sabiħa għall-okkażjoni. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *70.8 L-Attivita' tal-Karnival 2024;*

70.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jagħti d-dettalji tal-attivitajiet tal-Karnival tal-Marsa 2024. Il-Kunsillier Spencer qal li l-karnival din is-sena ser tkun fit-8 ta' Frar li jiġi propju fil-ġurnata tal-Ħamis, u bħal snin ta' qabel ser ikun hemm żeffiena tal-Guggen Band, maskaruni, baned tal-lokal, il-parata u ħafna briju bil-karrijiet tal-karnival. Il-Kunsillier Spencer kien qed jaħseb dwar il-possibilita' li l-parata tal-karnival titlaq min Triq Zerafa u tibqa tiela lejn il-Parroċċa ta' Marija Reġina. Madankollu, l-membri preżenti xtaqu li l-karnival ta' din is-sena jkompli fuq il-mudell ta' kif kien isir fi snin imgħoddija u l-parata titlaq min Isouard u tibqa' sejra tul it-triq sal-fetħa li hemm bejn Triq Zerafa u Triq il-Farfett. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *70.9 Ħarġa għall-Anzjani fl-Esplora;*

70.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li L-Onorevoli Keith Azzopardi Tanti qed joffri lill-anzjani tal-Marsa b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Marsa l-possibilità li jagħmlu mawra fil-kumpless tal-Esplora ġewwa l-Kalkara b'ikel u drink kollox b'xejn. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li din it-tema titla l-quddiem wara li l-Kunsill ikollu kollox bil-miktub. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *70.10 Performance Bonus tas-Segretarju Eżekkutiv;*

70.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku ppropona li s-Segretarju Eżekutiv jingħata l-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 10%. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favor kien unanimu.

## *70.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

70.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.15 pm u ġiet aġġornata għal 15 ta' Frar fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv